# It-Tranżazzjonijiet tal-Proprjetà Residenzjali: Settembru 2024

NR 187/2024 | Data tal-Ħruġ: 10 ta' Ottubru 2024 | Data tal-Għeluq: 02 ta' Ottubru 2024

*F'Settembru 2024, il-kuntratti ta' bejgħ u l-konvenji ta' proprjetajiet residenzjali ammontaw għal 1,007 u 1,046, rispettivament.*



Din l-Istqarrija tal-Aħbarijiet tippreżenta tagħrif proviżorju dwar tranżazzjonijiet ta' bejgħ ta' proprjetajiet residenzjali skont id-data tar-reġistrazzjoni mal-awtorità tat-taxxa.

**Kuntratti ta' Bejgħ**

F'Settembru 2024, l-għadd ta' kuntratti ta' bejgħ ta' proprjetajiet residenzjali kien jammonta għal 1,007, li juri żieda ta' 20.5 fil-mija meta mqabbel ma' dawk irreġistrati f'Settembru 2023 (Tabella nru 1a, Ċart nru 1). B'kollox, il-valur ta' dawn il-kuntratti laħaq il-€270.4 miljun, żieda ta' 13.0 fil-mija meta mqabbel mal-valur irreġistrat f'Settembru 2023 (Tabella nru 2a).

## Ċart nru 1. Kuntratti ta' bejgħ u konvenji rreġistrati

Ta' kull xahar




Fix-xahar ta' riferenza, 947 (jew 94.0 fil-mija) tal-kuntratti kienu jikkonsistu minn individwi, filwaqt li kważi l-bqija tal-kuntratti l-oħra kienu magħmulin minn kumpaniji (Tabella nru 1b). Il-valur tal-kuntratti li jinvolvu individwi kien jammonta għal €233.9 miljun, li huwa ekwivalenti għal 86.5 fil-mija tal-valur kollu (Tabella nru 2b).

*Kuntratti ta' bejgħ bid-distrett u l-lokalità*

F'Settembru 2024, l-akbar ammonti ta' kuntratti ta' bejgħ kien irreġistrat fid-Distrett tat-Tramuntana tal-Port u fid-Distrett tat-Tramuntana, b'total ta' 327 u 197 kuntratt, rispettivament. Min-naħa l-oħra, l-inqas numri ta' kuntratti kienu nnotati fid-Distrett tal-Punent, u fid-Distrett t'Għawdex u Kemmuna, b'70 u b'111-il kuntratt, rispettivament (Tabella nru 3).

L-akbar ammonti ta' kuntratti ta' bejgħ kienu rreġistrati f'dawn il-lokalitajiet: San Pawl Il-Baħar (87), Birkirkara (52) u Il-Mosta (46) (Tabella nru 4, Ċart nru 2a). Dawn il-kuntratti kienu jgħoddu 18.4 fil-mija tal-kuntratti kollha rreġistrati f'Settembru 2024.

## Ċart nru 2a. Il-lokalitajiet li kellhom l-akbar ammonti f'Settembru 2024

Kuntratti ta' bejgħ




*Proprjetajiet irreġistrati fil-kuntratti ta' bejgħ*

Fix-xahar ta' riferenza, l-għadd ta' proprjetajiet irreġistrati fil-kuntratti ta' bejgħ kien jilħaq l-1,114 (Tabella nru 5). L-Appartamenti (401) u l-Garaxxijiet (230) irreġistraw l-akbar sehem mit-total, b'36.0 fil-mija u 20.6 fil-mija, rispettivament.

*K3/2024*

Fit-tielet kwart tal-2024, kienu rreġistrati 3,004 kuntratti ta' bejgħ, li jiġu ekwivalenti għal żieda ta' 4.7 fil-mija fuq l-istess perjodu tas-sena ta' qabel (Tabella nru 1a). Il-valur ta' dawn il-kuntratti kiber b'1.5 fil-mija sabiex ammonta għal €816.6-il miljun (Tabella nru 2a). L-akbar numri ta' kuntratti ta' bejgħ kienu rreġistrati fil-lokalitajiet ta' San Pawl Il-Baħar (275), Birkirkara (139) u Il-Mosta (132) (Tabella nru 4).

**Konvenji**

F'Settembru 2024, kienu rreġistrati 1,046 konvenju ta' proprjetajiet residenzjali, li huma riflessi f'żieda ta' 2.1 fil-mija fuq is-sena ta' qabel (Tabella nru 6a, Ċart nru 1). L-individwi li kienu involuti f'dawn il-konvenji kienu jgħoddu 945 (jew 90.3 fil-mija), filwaqt li l-bqija kienu jinvolvu kumpaniji (Tabella nru 6b).

*Konvenji bid-distrett u l-lokalità*

L-akbar għadd ta' konvenji ta' proprjetajiet residenzjali kien irreġistrat fid-Distrett tat-Tramuntana tal-Port bi 312-il konvenju; segwit mid-Distrett tat-Tramuntana b'193 konvenju. Min-naħa l-oħra, l-inqas ammonti ta' konvenji dehru fid-Distrett tal-Punent, u fid-Distrett t'Għawdex u Kemmuna, b'106 u b'126 konvenju, rispettivament (Tabella nru 7).

L-akbar għadd ta' konvenji kien irreġistrat f'dawn il-lokalitajiet: San Pawl Il-Baħar (78), Birkirkara (55) u Marsaskala (46) (Tabella nru 8, Ċart nru 2b). Dawn il-konvenji kienu jgħoddu 17.1 fil-mija tal-konvenji kollha rreġistrati f'Settembru 2024.

## Ċart nru 2b. Il-lokalitajiet li kellhom l-akbar ammonti f'Settembru 2024

Konvenji




*K3/2024*

Fit-tielet kwart tal-2024, l-għadd ta' konvenji laħaq it-3,109 konvenji, li jirrappreżenta żieda ta' 1.1 fil-mija meta mqabbel mal-istess kwart tas-sena li għaddiet (Tabella nru 6a). L-akbar ammonti ta' konvenji kienu rreġistrati fil-lokalitajiet ta' San Pawl Il-Baħar (251), Birkirkara (174) u Marsaskala (140) (Tabella nru 8).